# 4. Logħob

Settembru mwaħħar joqgħod jidħak jara
il-logħba bejn ix-xemx u bejn l-għarixa:
min minnhom jiksi l-art, waħda bid-dija,
l-oħra bid-dell.

Is-sħab miexi qajl qajl għat-tramuntana,
u x-xemx iddaħħal ġo kull ħofra bejnu
subgħajha dawwalin sakemm iż-żiffa
issodd il-ħofra.

Qalb siġar u sisien Settembru jara
logħba oħra sejra bejn il-klieb tal-kaċċa
u l-qtajja' tas-summien… tisfir u ġiri,
inbiħ, sparar…

Il-ġimgħa d-dieħla taħbat tar-Rużarju,
u jehda l-logħon; is-sħab jaħseb għax-xita.
u l-kaċċaturi jaqbdu x-xkora u jiġbru
il-ħaxix ġdid.